II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1514

tal-31 ta' Awwissu 2017

li jagħti bidu għal rieżami tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 (li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kemm jekk le) għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil produttur esportatur Indjan wieħed, li jirrevoka d-dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur u li l-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur jagħmilhom soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4), 13(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

1. TALBA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li joriġinaw jew huma kkonsenjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kif ukoll jekk le, sa fejn huwa kkonċernat l-applikant, skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku.

(2) It-talba tressqet fis-26 ta' Jannar 2017 minn SPG GLASS FIBRE PVT. LTD. ("l-applikant"), produttur esportatur ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ fl-Indja ("il-pajjiż konċernat").

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

(3) Il-prodott taħt rieżami huwa drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul u kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m², minbarra diski tal-fibra tal-ħġieġ, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew ikkonsenjati mill-Indja jew mill-Indoneżja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja jew l-Indoneżja kif ukoll jekk le ("il-prodott taħt rieżami"), li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00.

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

3. IL-MIŻURI EŻISTENTI

(4) Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ huma dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011, ([1]) u estiż għall-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja jew mill-Indoneżja jew le, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 ([2]).

(5) Fid-9 ta' Awwissu 2016 il-Kummissjoni nediet rieżami ta' skadenza ([3]) tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. L-investigazzjoni ta' rieżami għadha għaddejja.

4. RAĠUNIJIET GĦAR-RIEŻAMI

(6) L-applikant sostna li ma esportax il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi (mill-1 ta' April 2012 sal-31 ta' Marzu 2013).

(7) Minbarra dan, l-applikant allega li ma evitax il-miżuri eżistenti.

(8) L-applikant kompla jsostni li wara l-perjodu ta' investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi kien daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

5. PROĊEDURA

5.1. Il-bidu

(9) Wara li ġiet eżaminata l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika t-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi.

(10) L-industrija tal-Unjoni magħrufa li hija kkonċernata ġiet mgħarrfa bit-talba għal rieżami u ngħatat l-opportunità li tikkummenta, imma ma pprovdiet l-ebda argument issostanzjat li jindika li l-ftuħ ta' investigazzjoni ma jkunx ġustifikat.

5.2. It-tħassir tal-miżuri antidumping eżistenti u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet

(11) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament antidumping bażiku, id-dazju antidumping fis-seħħ jenħtieġ li jitħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant.

(12) Fl-istess waqt, jenħtieġ li tali importazzjonijiet isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami juri li teżisti ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-applikant, id-dazji antidumping ikunu jistgħu jiġu imposti mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet. L-ammont tar-responsabilitajiet futuri possibbli tal-applikant ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

5.3. Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami

(13) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami").

5.4. L-investigazzjoni tal-applikant

(14) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant. L-applikant jenħtieġ li jippreżenta l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data taddħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 tat-3 ta' Awwissu 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 204, 9.8.2011., p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kif ukoll jekk le (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 20).

([3]) Notifika ta' bidu dwar ir-rieżami fil-kuntest tal-iskadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU C 288, 9.8.2016, p. 3).

5.5. **Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub**

(15) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5.6. **Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

(16) Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi tal-bidu tal-investigazzjoni t-talba jenħtieġ li titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ jenħtieġ li titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.7. **Struzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza**

(17) L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ hija ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' partijiet terzi, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu (a) lill-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u (b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati għal din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(18) Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalihom jiġu mmarkati "*Limited*" ([1]) ("Ristrett").

(19) Partijiet interessati li jagħtu tagħrif "Ristrett" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tiegħu skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawn is-sommarji jenħtieġ li jkunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tippreżenta informazzjoni kunfidenzjali ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u l-kwalità mitlubin, din l-informazzjoni tista' tiġi injorata.

(20) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li jiġu mressqa fuq mezz ta' ħżin diġitali portabbli (CD-ROM, DVD, flash drive USB...) bl-idejn jew bil-posta rreġistrata. Permezz ta' ittra elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tax-xogħol uffiċjali operattiv u ċċekkjat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, dment li ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew dment li n-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta reġistrata. Għal aktar regoli u tagħrif dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) Dokument "*Ristrett*" huwa dokument meqjus bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

6. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(21) F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fit-termini preskritti stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku.

(22) Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

(23) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss, u s-sejbiet għalhekk jissejsu fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

(24) Jekk ma tintbagħatx tweġiba bil-kompjuter, dan ma jitqiesx bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba kienet tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spejjeż żejda mhux raġonevoli. Il-parti interessata jenħtieġ li tikkuntattja l-Kummissjoni immedjatament.

7. **L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(25) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina mill-ġdid it-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u t-talbiet għal smigħ minn partijiet terzi. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu b'mod sħiħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħti wkoll opportunitajiet biex isir smigħ li jinvolvi l-partijiet u li jippermetti li jitressqu fehmiet differenti u argumenti kuntrarji.

(26) It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta jenħtieġ li ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

(27) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/ (bl-Ingliż).

8. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(28) L-investigazzjoni tintemm, skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

9. **IPPROĊESSAR TA'** ***DATA*** **PERSONALI**

(29) Kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ([1]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rieżami ta' Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1371/2013 b'dan jingħata bidu skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 sabiex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul u kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m^2, mingħajr id-diski tal-fibra tal-ħġieġ, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew konsenjati mill-Indja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00 (kodiċi TARIC: 7019 51 00 14, 7019 51 00 15, 7019 59 00 14 u 7019 59 00 15), prodotti minn SPG GLASS FIBRE PVT. LTD. (kodiċi addizzjonali TARIC C205), jenħtieġ li jkunu soġġetti għal miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1371/2013.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Artikolu 2

Id-dazju antidumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1371/2013 huwa b'dan revokat fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

Artikolu 3

L-Awtoritajiet doganali għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER